MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1302/2010

Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Simon Portelli u l-istess Simon Portelli.

Vs

Ludvic Camilleri (ID. 0167476M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi fit-30 ta' Marzu 2006 gewwa Triq ir-Ruman, San Pawl il-Bahar, Qawra, kienet sehhet kollizjoni bejn il-vettura GBD 982 misjuqa minn Simon Portelli, assikurat tal-kumpanija attrici, u l-vettura GBL 798 misjuqa mill-konvenut. In segwitu ghall-kollizjoni, l-konvenut ikkommetta atti voluntarja u doluzi fuq il-vettura GBD 982 tal-attur Simon Portelli anki kif jirrizulta mid-decizjoni tal-Arbitru fl-Arbitragg numru 982/2007 hawn anness Dok A; illi rrizulta mid-decizjoni tal-Arbitru fl-istess Arbitragg illi l-

ammont li ghandu jithallas bhala danni in konsegwenza tal-atti doluzi jammontaw ghal elf disgha u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€1099.46). Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal (i) jiddikjara li l-konvenut hu responsabbli ghal atti doluzi li hu kkommetta fuq il-vettura GBD 982, il-vettura tal-attur Simon Portelli, u ghad-danni konsegwenzjali ammontanti ghal elf disgha u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€1099.46); (ii) jikkundanna l-konvenut ihallas lill-kumpanija attrici, li sborzatha taht il-polza, s-somma ta' elf disgha u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€1099.46) in linea ta' danni kagonati bl-ghemil doluz u voluntarju tal-konvenut fuq il-vettura GBD 982 ta' Simon Portelli, assikurat tal-kumpanija attrici, bl-ispejjes inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali interpellatorja tal-19 ta' Jannar 2009 u bl-imghax tat-8% mid-data tal-istess ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf disgha u disghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€1099.46), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------